# Kollox Mitmum

David Aloisio

B'dirgħajh miftuħin kemm kemm 'il barra, donnu ajruplan ċkejken, ix-xwejjaħ medd pass ieħor fuq il-blat għeri, b'seba' għajnejn li ma jilwix l-għaksa.

Xi minn daqqiet, kien jiddritta s-sinsla ċċungjata biex jgħolli ħarstu lejn il-quċċata. Fuq l-għolja – għalkemm dan l-aħħar anke l-vista bdiet tabbandunah – kien ċert li kien hemm il-ħarruba tistenna.

Il-ħarruba kienet ilha tistenna ... kienet ilha tistennieh sa mill-jum li beka l-ewwel bikja. Iżd'issa kienet waslet is-siegħa.

L-aħħar ftit passi dehru itqal mill-eluf ta' passi li kien medd hemm isfel. Eh hemm isfel! Kemm kien terraq tul il-mogħdijiet donnhom lifgħat twal, bit-tama li xi darba jasal sa rashom. Kien dam sew biex intebaħ li ras ma kellhomx, li kienu magħqudin kollha f'ċirku kbir ... u li min fassalhom ried jagħmillu ċajta goffa. Dakinhar li fehem li m'hemmx aktar x'jifhem, kien beka bħal tarbija.

Fl-għabex, ix-xwejjaħ wasal ħdejn il-ħarruba u, b'ħafna tbatija, intasab taħtha. Ħemda. Lanqas il-qalb għajjiena ma baqgħet tinstema' tħabbat. Anke n-nifs, li sakemm wasal sal-quċċata kien sar tqil u storbjuż, ma kienx jinstema' aktar. Ħemda. Kull parti ta' ġismu donnha waqfet – ħlief għal għajnejh. Bihom seta' jgħożż kull werqa fil-friegħi

sfiqa ta' fuq rasu; bihom seta' jifli l-qoxra mgerrma taz-zokk antik tal-ħarruba; bihom seta' jixref ħarstu fuq il-meded madwar l-għolja.

Imbagħad, lemaħ il-belt kbira li kien tela' minnha. Inħasad meta ħass in-nuċċali jinbeżaq minn wiċċu – u nħasad aktar meta ntebaħ li mingħajru seta' jara aħjar id-dwal iteptpu tal-belt ... seta' jara l-karozzi għaddejjin bla ma jaqtgħu, qishom ħanfus ikkulurit ... u kompla jistagħġeb bih innifsu meta ċċomba n-nies jiġru bla mistrieħ fit-toroq, deħlin u ħerġin fil-ħwienet mixgħula u mżejna. Ma setax jifhem kif minn bilqiegħda, b'dahru mal-ħarruba, seta' jisma' l-għasafar ipespsu fil-friegħi fl-istess waqt li seta' jagħraf l-ilħna tan-nies jitkellmu qalb il-binjiet għoljin.

Minn hemm fuq, seta' jħoss il-qalb għajjiena tal-anzjana tistenna fuq il-bankina bit-tama li jiqfulha l-karozzi. Minn hemm fuq seta' jħoss il-polz iħabbat sitta sitta taż-żagħżugħ jixxabbat fuq is-sur.

Imbagħad, riġlejh stirati quddiemu ħasshom jixxenxlu ġol-vixxri tal-għolja u jitgħarrxu mill-ilma ġieri jiskula fil-ħamrija kiesħa. F'dirgħajh ħass iż-żiffa kajmana tbandal il-friegħi mwerrqa.

Ġibed nifs fond ... u għalaq għajnejh ... Iżda ma damx wisq biex fetaħhom mill-ġdid.

Hekk kif ix-xemx inħbiet u l-kutra tad-dlam kienet għoddha għattiet kollox, ħsieb imġemmed ħakem il-menti: *Għada, dawk il-ħalja bnedmin se jitfgħu għajnejhom 'l hemm fuq ... Jew forsi le. Forsi jduru għal xulxin u jħallu l-għolja bi kwietha.*

Imma mbagħad, meta l-ħarruba tenniet ħarsitha lejn il-belt, dehxa ta' bard ġriet sa truf ġisimha. Kien kollu ta' xejn li ppruvat tħarrek il-friegħi. Għalxejn tqanżħet biex terfa' l-għeruq ankrati mal-art.

Xi darba, għad ikollha tixrob mill-velenu li qabad iġelben minn qiegħ il-belt.